FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1108/01JR**

**Fairs & Exhibitions Limited**

**vs**

**Charnwoods Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas mitejn tmienja u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm258.80), rapprezentanti hlas ghas-servizz moghti mis-socjeta` attrici fuq ordni tas-socjeta` konvenuta stess – kollox skond ma jidher mid-Dok.A anness ma' l-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.

Semgha x-xhieda ta' Pierre Carabott ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn tmienja u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm258.80), bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Ottubru, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR